MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2009

Citazzjoni Numru. 46/2005

Dr. Albert Camilleri bħala prokuratur
Tal-imsiefra John u Doris konjuġi Muscat.

vs

Pawla Sultana,

Carmela Portelli,

Coronato Sultanja,

Jozef Sam Sultana,

Coronato Sultana
li b'degriet tal-1 ta' Lulju 2005,
ġie nominat kuratur ta' l-imsiefra:
Loreto Sultana, Saviour Sultana,
Maria mart Michael Lines,
Angela mart Emanuel Attard,
U b'degriet tad-9 ta' Novembru 2005,

Gie ordnat illi jidħlu l-kliem
'Angela mart Joseph Meilak',
U 'Ganna mart Emanuel Attard,
Joseph Meilak, u
Ganna mart Emanuel Attard,
Salvina mart David Hole,
Louis Sultana.

Il-Qorti,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur nomine, wara li ppremetta illi:

Illi l-konvenuti Pawla Sultana u nCarmela Portelli b'żewġ konvenji tat-30 ta' Lulju, 2003 magħmula quddiem in-Nutar Maria Vella Magro (Dok. 2A, 3A) obbligaw ruħhom li jbiegħu u jittrasferixxu lill-atturi John u Doris konjuġi Muscat sehemhom ċioe' kwart (1/4) indiviż kull waħda ta' diversi fondi elenkati fl-imsemmija konvenji, spettanti lilhom mill-ereditajiet tal-ġenituri tagħhom Salvu Muscat u Angela nee' Grima u ta' ħuhom german Peter Paul Muscat u dana bil-prezz ta' LM25,000 kull sehem li minnhom Lm4000 tħallsu akkont tal-prezz fuq kull konvenju u bil-ftehim li l-kuntratt finali kellu jsir sa mhux aktar tard minn sena mid-data ta' l-istess konvenji;

Illi l-atturi konjuġi Muscat b'żewġ ittri uffiċċjali tat-22 ta' Lulju, 2004 lill-konvenuta Pawla Sultana u l-oħra lill-konvenuta Carmela Portelli interpellawhom sabiex jersqu għall-kuntratt ta' compra/vendita tal-fondi elenkati fil-konvenji tat-30 ta' Lulju 2003 u dana għat-termini ta' l-istess konvenji.

Illi l-konvenuti baqgħu ma resqux għall-kuntratt u l-atturi għamlu żewġ kawżi waħda 'Citz. 88/04Pc fl-ismijiet 'Dr. Albert Camilleri noe vs Pauline sive Pawla Sultana' u l-oħra 'Citaz. 87/04 AMT fl-ismijiet 'Dr. Albert Camilleri noe vs Carmela Portelli' sabiex dawn jiġu kundannatai li jersqu għall-kuntratt finali tal-vendita ta' sehemhom mill-fondi elenkati fil-konvenji;

Illi f'dawn iż-żewġ kawżi l-konvenuti Pawla Sultana u Carmela Portelli ppreżentaw kopja ta' kuntratt tat-28 ta' Gunju 2004 atti Nutar Kristen Dimech li bih l-istess konvenuti ddonaw is-sehem tagħhom mill-fondi elenkati fiż-żewġ konvenji lill-konvenuti l-oħra li huma t-tfal tal-konvenuta Pawla Sultana ħlief ghall-konvenut Jozef Sam Sultana li jiġi t-tifel ta' Carmelo Sultana, tifel ieħor tal-konvenuta Pawla Sultana;

Illi dan il-kuntratt sar b'ingann u bi premeditazzjoni biex jiġu elużi u defrawdati d-drittijiet tal-atturi li dawna għandhom li jixtru u jakkwistaw il-fondi indikati fiż-żewġ konvenji tat-30 ta' Lulju 2003 liema fondi l-imsemmija żewġ konvenuti kienu obbligaw ruħhom li jbiegħu lill-atturi bl-imsemmija żewġ konvenji.

Talab lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara li l-kuntratt ta' donazzjoni tat-28 ta' Gunju 2004 atti Nutar Kristen Dimech jew aħjar ż-żewġ donazzjonijiet magħmula b'dan il-kuntratt saru bi frodi tad-drittijiet tal-atturi u konsegwentement huma nulli.

2. Tordna r-rexissjoni tal-istess kuntratt.

3. Tappunta Nutar biex jippubblika l-kuntratt ta' opportun ta' rexissjoni u kuratur għall-eventwali kontumaċi.

Bl-ispejjeż u l-Vat u bl-inġunzjoni tal-konvenuti għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur nomine debitament maħlufa minnu.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li eċċepew illi:

1. In linea preliminari npnullita' taċ-ċitazzjoni stante li l-okkju taċ-ċitazzjoni ma jaqbilx mal-okkju tad-dikjarazzjoni tal-fatti u hemm konfużjoni sħiha fl-ismijiet u l-kunjomijiet tal-konvenuti;

2. Illi bla preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni hemm il-karenza ta’ interess ġuridiku fl-atturi li jippromwovu din il-kawża billi huma ma kienux parti fil-kuntratt tat-28 ta’ Gunju 2004 *de quo agitur*, u għalhekk m’għandhom ebda interess fid-dikjarazzjoni ta’ nullita’ tiegħu;

3. Illi t-talbiet attriċi huma mproponibbli għax min imkien fil-liġi ma joħroġ li kuntratt ta’ trasferiment ta’ beni mmobbli jista’ jiġi rexiss għax ikun preċedut minn konvenju dwar l-istess immobbli ma’ terza persuna;

4. illi fil-meritu u dejjem bla preġudizzju għall-premess, it-talbiet attriċi huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-atturi peress li mhux minnu li dak li sar kien hemm fih xi element ta’ qerq kif qegħdin jallegaw l-atturi;

5. illi fi kwalunkwe’ każ ma jirrikorrux l-elementi għall-eżerċizzju tal-“*Actio Paoliana”.*

6. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuti maħlufa minn Coronato Sultana.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti tas-16 ta' Marzu 2007 li biha eċċepew:

1. Illi l-konvenji ma baqgħux jorbtu għaliex l-avviż tat-tiġdid tagħhom lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni wara t-30 ta’ Lulju 2007, ma kienx sar fit-terminu kif preskritt bl-art. 10(6) ta’ L.S.364.06 iżda sar ferm wara dak it-terminu preskritt bil-liġi;

2. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuti annessa ma' din in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ulterjuri u maħlufa mill-istess Coronato Sultana.

Rat id-digriet tagħha tat-18 ta' Novembru 2008 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti u affidavits esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-attur nomine qed jittenta l-hekk imsejjħa *actio pauliana*. Permezz tagħha qed jipprova jikseb dikjarazzjoni ta' nullita' ta' kuntratt ta' donazzjoni magħmul bejn il-konvenuti. Konsegwentement jitlob ir-rexxissjoni ta' l-istess kuntratt. Il-konvenuti, apparti eċċezzjoni dwar konfużjoni fl-ismijiet fl-okkju tal-kawża, u oħra ta' natura fiskali, jopponu t-talbiet billi jikkontendu li l-attur m'għandu ebda interess ġuridiku f'kuntratt li sar bejn terzi, imkien ma joħroġ mil-liġi li jista' jiġi rexiss kuntratt bejn terzi għax dan ikun ġie preċedut b'konvenju ma' ħaddieħor, u fi kwalunkwe każ ma jikkonkorrux l-elementi ta' din l-azzjoni.

Dwar l-ewwel eċċezzjoni jista' jingħad mal-ewwel illi l-iżbalji fl-ismijiet tal-konvenuti ġew ikkoreġuti bid-digriet tagħha tad-9 ta' Novembru 2005,[1] u għalhekk illum din tinsab superata.

L-eċċezzjoni ulterjuri tas-16 ta' Marzu 2007 hija bbażata fuq ir-rekwiżit introdott bil-Leġislazzjoni Sussidjarja 364.06 li konvenju jrid jiġi reġistat mal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni f'terminu preskritt għall-validita' tiegħu. Iż-żewġ konvenji li għalihom qed jirreferi l-attur nomine f'din il-kawża saru fit-30 ta' Lulju 2003,[2] u ġew biss irreġistrati għall-fini ta' dawn ir-regolamenti fid-29 ta' Ottubru 2004.[3] Imma kif sewwa osserva l-attur nomine, ir-reġistrazzjoni ma kienitx meħtieġa fil-każ in eżami, għax ir-regolamenti kienu espressament jeżentaw kull konvenju li jkun sar qabel l-1 ta' Jannar 2004 meta l-att kellu jkun pubblikat

[1] a fol. 37 tal-process .
[2] Dok. 2 A a fol. 8 - 9, u Dok. 3A a fol. 10 – 11 .
[3] a fol. 71, 72 .

qabel l-1 ta' Novembru 2004. Jirriżulta li ż-żewġ konvenji mertu ta' din il-kawża saru fit-23 ta' Lulju 2003 u l-kuntratt relattiv kellu jsir fi żmien sena minn dik id-data. Kien biss imbagħad għax il-kuntratt ma setgħax isir qabel id-data stipulata fir-regolamenti minħabba l-kwistjonijiet li nqalgħu bejn il-kontendenti, li n-nutar li rrediġiet dawn il-konvenji xorta waħda rreġistrathom qabel l-iskadenza ta' dik id-data, u dawn ġew aċċettati mill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni għall-fini ta' l-istess regolamenti, kif ikkonferma fid-depożizzjoni tiegħu George Borg, ir-rappreżentant tiegħu f'Għawdex.[4] Din l-eċċezzjoni qed tiġi għalhekk miċħuda.

Għal dak li jirrigwarda t-tieni eċċezzjoni tan-nuqqas ta' interess ġuridiku fl-atturi billi ma kienux parti fil-kuntratt li qed jiġi kontestat, huwa evidenti, kif tajjeb qal l-attur nomine fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tiegħu, illi kieku kienu parti fih, żgur li ma setgħux jeżerċitaw din l-azzjoni, għax kienu jkunu komparteċipi fil-frodi allegatament kommess. Imma l-azzjoni pawljana tikkontempla l-każ fejn huwa mogħti lill-attur id-dritt li jattakka att magħmul bejn terzi, għax ikunu ġew leżi d-drittijiet tiegħu bi frodi, proprju kif qed jippretendi l-attur nomine. Din l-eċċezzjoni qed tiġi ukoll għalhekk miċħuda.

L-**azzjoni pawljana** jew **revokatorja** hija regolata fl-artikolu 1144 tal-Kodiċi Ċivili. Billi jirriżulta li qed tintalab ir-revoka tal-kuntratt tat-28 ta' Ġunju 2004, in atti Nutar Dottor Kristen Dimech,[5] li sar bejn il-konvenuti, li ma humiex minuri u liema kuntratt jaqa' taħt id-definizzjoni ta' titolu gratuwitu, huma applikabbli għall-każ in eżami s-subinċiż (1) u (3) ta' dan l-artikolu. Minn dawn jirriżultaw ir-rekwiżiti ta' din l-azzjoni, u ċioe':

(a) l-eżistenza ta' kreditur u debitur li timplika għalhekk li jkun hemm kreditu u debitu;

(b) il-qerq minn naħa tad-debitur; u

[4] ara depożizzjoni tiegħu a fol. 92 – 95 .
[5] ara kopja esebita bħala Dok. 6A a fol. 14 - 20 .

(c) il-ħsara tal-jeddijiet tal-kreditur magħruf bħala l-*eventus damni*.

Għal dak li jirrigwarda l-ewwel rekwiżit, il-kliem "kreditur" u "debitur" fl-artikolu 1144 m'għandhomx jiġu nterpretati fis-sens restrittiv illi l-azzjoni pawljana tista' tiġi eżerċitata biss meta wieħed għandu jieħu u l-ieħor għandu jagħti flus biss, imma għandhom jiġu meqjusa li jikkomprendu kull persuna li għandha xi jedd u kull persuna marbuta b'xi obbligazzjoni. Dan jirriżulta ċar mill-mod kif inhuma wżati l-kliem "kreditur" u "debitur" fis-subtitolu IV tat-titolu IV "Effetti ta' Obbligazzjonijiet" fejn huwa inkluż l-artikolu 1144, kif ukoll mill-prinċipji tad-dritt ruman u l-prinċipji enunċjati mill-Qrati taljani li għalihom saret ampja referenza mill-Qorti ta' l-Appell ta' Malta fil-kawża **Mifsud vs Cini** tas-7 ta' Diċembru 1934,[6] li rriteniet "*illi l-kelmiet 'kreditur' u 'debitur' ta' l-artikolu 850 (*illum 1144*) għandhom jittieħdu fis-sens wiesa li jiġu użati fl-istess Titolu tal-Liġi fejn jinsab dak l-artikolu, u għalhekk għandhom jikkomprendu wkoll dak li jwiegħdu u għalhekk huma miżmuma mil-liġi li jixtru jew ibiegħu. Min iwiegħed li jbiegħ huwa debitur fis-sens li hu miżmum li jbiegħ dak li wiegħed, u fl-istess ħin kreditur illi min intrabat li jixtri għandu jixtri tassew, u fl-istess pożizzjoni ta' kreditur u debitur, mutatis mutandis, jinsab dak li wiegħed u jintrabat li jixtri.*" [7]

Il-konvenuti jikkontendu illi l-azzjoni ttentata mill-attur nomine hija mproponibbli għax minn imkien fil-liġi ma joħroġ li kuntratt ta' trasferiment ta' beni immobbli jista' jiġi rexiss għax ikun preċedut minn konvenju dwar l-istess immobbli ma' terza persuna. Anzi jsostnu illi l-artikolu 1537 tal-Kap. 16 jikkontempla proprju l-każ fejn il-bejgħ ma jkunx jista' iżjed isir u allura jagħti lok għall-obbligu tal-ħlas tad-danni. Imma apparti li ġia ġie stabilit hawn fuq li kreditur jinkludi wieħed li lilu ġiet promessa vendita ta' fond, meta l-liġi tirreferi għall-"bejgħ li ma jkunx jista' iżjed isir", din mhix qed tikkontempla l-każ fejn din l-impossibilita' ta' bejgħ tkun ġiet ikkawżata minn att illegali

[6] kollez. vol. XXIX. i. 28 .
[7] Camoin vs Contini 13.11.1933 .

tad-debitur, filwaqt li l-ħaġa għadha teżisti, imma qed tippresupponi l-ineżistenza tal-ħaġa jew nuqqas ta' xi rekwiżit għall-azzjoni revokatorja, fejn allura r-rimedju tal-kreditur tkun l-azzjoni għad-danni. F'dan ir-rigward il-Qorti ta' l-Appell irriteniet li "*Tgħid (li bejgħ) ma jistax isir għaliex min wiegħed għamel mod li ma jistax iżomm kelmtu b'att illegali li l-ħaġa għadha teżisti, bħal li kieku jbiegħa jew jagħtiha lil ħaddieħor - hija petitio principii jew ċirkolu vizzjuż. Huwa appuntu għal dawn il-kazijiet ta' att illegali, magħmul b'qerq u ħsara tal-kreditur, illi l-liġi tagħti rimedju ta' l-azzjoni pawljana li biha twaqqa' u tneħħi x-xkiel għall-bejgħ, u b'hekk il-bejgħ jista' jsir u d-debitur - jiġifieri dak li wiegħed - jiġi kkundannat - 're adhoc integra' - illi jbiegħha kif kien wiegħed lill-kreditur*." [8]

Huwa għalhekk illum stabilit fil-ġurisprudenza li l-azzjoni pawljana tista' tiġi eżerċitata minn min għandu jedd derivanti minn wegħda ta' bejgħ; u peress illi l-atturi konjuġi Muscat intrabtu b'konvenju sew mal-konvenuta Pawla Sultana[9] kif ukoll mal-konvenuta Carmela Portelli,[10] is-sidien ta' isħma fil-proprjetajiet indikati fl-istess konvenji, li jakkwistaw mingħandhom fi żmien sena l-istess isħma għall-prezz miftiehem, l-imsemmija azzjoni pawljana tmiss ukoll lilhom bħala prinċipju. Dan għaliex sa issa din il-wegħda ta' bejgħ, minkejja dak kollu allegat mill-konvenuti, ma tistax titqies bħala invalida, ħaġa li tista' ssir biss f'ġudizzju separat, ġialadarba ma saret ebda kontra-talba f'din il-kawża għal dan il-għan.

Għaldaqstant imiss issa li jsir l-eżami dwar jekk f'dan il-każ jeżistux il-kundizzjonijiet l-oħra essenzjali biex tirnexxi din l-azzjoni skond il-liġi.

Għal dak li jirrigwarda l-***eventus damni***, f'każijiet dwar wegħdiet ta' bejgħ, bil-fatt biss li l-ħaġa mwegħda ma tkunx għadha fil-poter tad-debitur, il-kreditur ma jistax jissodisfa l-jedd tiegħu, jikkostitwixxi waħdu l-***"ħsara***

---

[8] Mifsud vs Cini 7.12.1934; ara wkoll Appell "Marco Bongailas vs John Magri et.", kollez. Vol. LXXXVI. Pt. ii. p. 230 et. seq. fejn reġgħu ġew konfermati l-prinċipji enunċcjati f'dik is-sentenza u ġew ittrattati in estenso argumenti simili għal dawk esposti mill-konvenuti fil-kawża preżenti .
[9] Dok. A 2 a fol. 8 – 9 .
[10] Dok. 3A a fol. 10 -11 .

***għall-jeddijiet tal-kreditur***" li trid il-liġi ossia l-*eventus damni* u dan mingħajr il-bżonn ta' xi indaġini ulterjuri dwar il-qagħda finanzjarja tad-debitur u danni pecunarji oħra li jista' jbati l-kreditur. Il-Qorti ta' l-Appell fil-kawża "**Catania vs Ellul Bonnici**" [11] iddeċidiet illi "*se mediante un atto alienatorio di un immobile gia promesso per il trasferimento ad altri, questo (il creditore), si trova pregudicato perche avvenuta diminuzione della cosa promessagli nel patrimonio del promettente obligato, non c'e' alcuna ragione perche non possa esercitare l'azione revocatoria*". Il-Qorti Ċivili Prim'Awla fil-kawża "**Sciortino vs Vella et.**" [12] qabel ma ċċarat "*illi għal eżerċizzju tal-azzjoni pawljana ma hemmx bżonn li l-proponent ikollu dritt likwidu, imma biżżejjed li jkollu dritt li jiġi ppreġudikat bl-att impunjat u illi huwa suffiċjenti li r-raġuni tal-kreditu li tkun biss potenzjali għall-epoka 'della redazione' tal-att impunjat li jsir wara*" kienet iddeċidiet illi" *huwa biżżejjed u suffiċjenti li jkun jista' jingħad li jkun hemm dannu meta l-att impunjat jippreġudika l-kreditur, li b'dak l-istess att jiġu lilu mneħħija l-possibilitajiet li jkun sodisfatt fir-raġunijiet tiegħu mal-patrimonju tal-istess debitur. Fl-aħħar nett jingħad li d-dannu, f'din l-azzjoni li jirriżenti l-kreditur irid ikun jidderiva direttament mill-att impunjat*."

Għal dak li jirrigwarda l-***qerq fid-debitur***, qabel ma jiġu eżaminati l-fatti, għandhom jiġu stabiliti is-segwenti prinċipji biex iservu bħala gwida għall-indaġini meħtieġa, u ċioe'

1. billi l-liġi tipprovdi illi l-frodi fil-kuntratt ma tistax tiġi preżunta, l-*onus* tal-prova tagħha jispetta lill-kreditur jew kredituri li jallegawh meta jipproponu l-kawża;

2. din il-prova titsa' ssir b'kull xorta ta' mezzi, kemm dawk diretti kif ukoll dawk indiretti, li jinkludu preżunzjonijiet u indizji li jridu jkunu gravi, preċiżi u konkordanti;
3. il-frodi stess tista' tkun indiretta jew oġġettiva, li tista' tikkonsisti biss fix-xjenza tad-debitur illi

[11] 29.02.1932 vol. XXVIII. i. 254 .
[12] 27.06.1961 vol. XLV. ii. 700 .

bl-att impunjat huwa mhux ser jibqa' fil-pożizzjoni li jilqa' b'mod suffiċjenti d-dritt tal-kreditur tiegħu, fis-sens li jkun biżżejjed għall-attur li jipprova biss li d-debitur kien jaf li qed jirrendi mpossibbli jew diffiċċli għall-kreditur li jikkonsegwixxi dak li lilu jistħoqq in korrispondenza u bħala korollarju neċessaju tad-dritt tiegħu.[13]

Niġu għalhekk issa għall-applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji għall-każ in eżami. Mill-provi prodotti jirriżulta illi:

1. Fis-sena 2000 l-attur John Muscat, li huwa residenti fl-Istati Uniti, kien Għawdex għall-vaganzi u mar jara lil zitu, l-konvenuta Carmela Portelli, u ġie deċiż li din tbegħlu sehemha mill-wirt kollu tal-ġenituri tagħha skond stima li kellha tiġi ppreparata mill-perit Joseph Dimech. Imma sakemm ġie biex jirritorna l-Amerika ma laħaq sar xejn.

2. Meta reġa' ġie lura Għawdex tliet snin wara, din id-darba akkumpanjat minn martu, reġgħu ftehmu li joqgħodu fuq l-istejjem tal-perit Dimech fir-rigward biss ta' t-tliet proprjetajiet li l-iżjed kienu jiswew flus, billi l-bqija kienu kollha raba agrikola. Wara li tlestiet din l-istima, intlaħaq ftehim ma' Carmela Portelli li tbiegħ lill-atturi s-sehem tagħha ta' kwart (1/4) indiviż mill-beni kollha mmobbli ndikati fil-konvenju tat-30 ta' Lulju 2003.

3. Sussegwentement intlaħaq ftehim ukoll ma' zitu l-oħra, l-konvenuta Pawla Sultana, li din tbigħelhom is-sehem appartenenti lilha ta' kwart (1/4) indiviż ieħor mill-istess beni għall-prezz identiku miftiehem ma' oħtha .

4. Għalhekk l-atturi akkumpanjati minn dawn il-konvenuti, marru għand in-Nutar Dr. Maria Vella Magro u hemmhekk saru żewġ skritturi privati separati ta' konvenju, li permezz tagħhom Carmela Portelli u Pawla Sultana kienu qed jintrabtu li jbiegħu lill-atturi s-sehem rispettiv tagħhom mill-beni mmobbli indikati fl-istess konvenji. Fuq dawn il-konvenji l-proposti vendituri ingħataw depożitu ta' LM4000 kull waħda.

[13] vol. XLV. ii. 700 .

5. Meta wasal iż-żmien għall-kuntratt finali u dawn il-konvenuti rrifjutaw li jersqu għalih,[14] l-atturi bagħtulhom ittra uffiċċjali biex jersqu għall-kuntratt qabel jiskadi.[15]

6. Billi dawn baqgħu inadempjenti, l-atturi pproċedew b'żewġ kawżi kontra l-istess konvenuti, sabiex jiġu mġiegħla mill-qorti jersqu għal dan il-kuntratt. Imma fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet rispettiva, dawn wieġbu li l-beni in kwistjoni ma kienux għadhom jappartjenu lilhom, billi kienu ġew sadanittant ittrasferiti permezz ta' kuntratt ta' donazzjoni lill-konvenuti l-oħra f'din il-kawża.[16]

7. Hekk kif kienu saru jafu x'ġara, l-atturi allura pproċedew bil-kawża preżenti, f'tentattiv li jiġi annullat dak il-kuntratt minħabba frodi da parti tal-proposti vendituri tagħhom.

Kif ġie mfisser hawn fuq, f'każ ta' wegħda ta' bejgħ (konvenju) , l-*eventus damni* jikkonsisti fil-fatt biss li l-ħaġa mwegħda ma tkunx għadha fil-poter tad-debitur, appunta kif għandna fil-każ in eżami, fejn id-debituri Carmela Portelli u Pawla Sultana ttrasferew lill-konvenuti l-oħra l-beni mmobbli li kienu ntrabtu li jbiegħu lill-atturi, u dana fil-perijodu li fih kienu għadhom marbutin biż-żewġ konvenji in kwistjoni.

Billi t-trasferiment, fiż-żewġ każijiet sar permezz ta' kuntratt ta' donazzjoni, irid jiġi stabilit biss il-frodi fid-donant, fil-każ tagħna fl-istess Carmela Portelli u Pawla Sultana. Kif rajna wkoll hawn fuq, huwa biżżejjed li l-atturi jippruvaw li d-donanti kienu jafu li bit-trasferiment li għamlu kienu qegħdin jirrendu mpossibbli jew diffiċċli għall-atturi li jakkwistaw dak li kien ġie mwiegħed lilhom. Il-konvenuti Carmela Portelli u Pawla Sultana kienu preżenti sew għall-konvenji rispettivi, u nfatti rċevew ukoll id-depożitu ta' Lm4000 kull wieħed ma' l-iffirmar tal-

[14] Dok. AC 4 a fol. 57; ittra legali ta' l-4 ta' Settembru 2004 mibghuta lill-attur nomine fuq struzzjonijiet ta' Carmela Portelli u Pawla Sultana .
[15] Dok. A 4 a fol. 12 .
[16] Dok. 6A; kopja tal-kuntratt tat-28 ta' Gunju 2004 atti Nutar Dr. Kristen Dimech .

konvenju, kif ukoll fil-kuntratt sussegwenti tad-donazzjoni. Huwa evidenti għalhekk illi kienu jafu li b'dak li kienu qed jikkonċedu lill-konvenuti l-oħra, ma kienx ser ikun aktar possibbli li l-beni mwegħda lill-atturi jinxtraw minnhom kif kien imwiegħed qabel. Għall-fini ta' din il-kawża, il-qerq fid-debituri ta' l-atturi, kif rappreżentati hawnhekk mill-attur nomine, ġie għalhekk adegwatament ippruvat.

Għaldaqstant, billi ġew sodisfatti l-elementi kollha rikjesti mil-liġi għas-suċċess ta' kawża bħal din, m'għandu jibqa' ebda ostakolu biex it-talbiet attriċi jiġu milqugħa.

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet attriċi, u:

1. tiddikjara li l-kuntratt ta' donazzjoni tat-28 ta' Gunju 2004 atti Nutar Kristen Dimech imsemmi fiċ-ċitazzjoni, jew aħjar iż-żewġ donazzjonijiet magħmula b'dan il-kuntratt, saru bi frodi tad-drittijiet ta' l-atturi, u konsegwentment nulli;
2. tordna r-rexissjoni ta' l-istess kuntratt; u

3. għall-dan il-fini tappunta lin-Nutar Dottor Paul George Pisani biex jippubblika l-kuntratt opportun nhar il-ħamis 7 ta' Mejju 2009 fl-uffiċċju tiegħu fil-ħamsa ta' wara nofsinhar (5.00p.m.) u lill-avukat Dottor Jean Paul Grech għall-eventwali kontumaċi.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------